II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1665

tal-4 ta' Novembru 2020

li japprova emenda mhux minuri fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ta' isem irreġistrat fir-reġistru tal-Ispeċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti ("Dwójniak staropolski tradycyjny" (STG))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Polonja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tad-Denominazzjoni tal-Oriġini Protetta "Dwójniak staropolski tradycyjny", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 729/2008 ([2]), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1898 ([3]).

(2) Billi l-emenda kkonċernata mhix minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba biex issir l-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kif stipulat fl-Artikolu 50 (2)(b) ta' dak ir-Regolament ([4]).

(3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-emenda fl-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tikkonċerna l-isem "Dwójniak staropolski tradycyjny" (STG) hija approvata.

([1]) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 729/2008 tat-28 ta' Lulju 2008 li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tal-Ispeċjalitajiet Tradizzjonali Garantiti [Czwórniak (STG), Dwójniak (STG), Półtorak (STG), Trójniak (STG)] (ĠU L 200, 29.7.2008, p. 6).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1898 tat-18 ta' Ottubru 2017 li jdaħħal ċerti ismijiet fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Półtorak staropolski tradycyjny (STG), Dwójniak staropolski tradycyjny (STG), Trójniak staropolski tradycyjny (STG), Czwórniak staropolski tradycyjny (STG), Kiełbasa jałowcowa staropolska (STG), Kiełbasa myśliwska staropolska (STG) u Olej rydzowy tradycyjny (STG)] (ĠU L 269, 19.10.2017, p. 3).

([4]) ĠU C 216, 30.6.2020, p. 33.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Novembru 2020.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni